MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 285/2006

**L-Avukat Stefano Filletti ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Professur Jeremy H. Keenan**

**vs**

**Guy Williams, R. Frendo Randon and Associates, Margaret Alder, Michael Bonello, Catherine Sullivan u b'digriet datat it-30 t'Awissu tas-sena 2007 gie nominat bhala kuratur l-Avukat Dr. Philip Manduca**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-25 ta' Settembru tas-sena 2006 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prvja kull dikjarazzjoni ta' htija, il-konvenuti jew min minnhom, kienu inadempjenti versu l-attur billi naqsu mill-obbligi minnhom assunti, fosthom dik li jirrifondu kull ammont ta' flus aappartenenti lill-attur;

2. Illi jigu kkundannati hatja li kkagunaw danni lill-attur fl-ammont li jigi likwidat minn din il-qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Illi kull kaz, l-attur jiddikjara li l-ammont kumplessiv tas-sorte ma jeccedix il-hamest elef lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Rat ir-rikors ta' l-attur nomine datat is-26 ta' Marzu tas-sena 2007, li permezz tieghu talab li jigi nominat kuratur ad litem ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti hemm indikati;

Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Marzu tas-sena 2007 fejn ghar-ragunijiet premessi u wara li semghet lir-rikorrent fir-rigward, laqghet it-talba;

Rat id-digriet taghha datat it-30 t'Awissu tas-sena 2007 li permezz tieghu ikkonfermat lill-Avukat Dr. Philip Manduca bhala kuratur ghall-finijiet tal-ligi fl-atti ta' din il-procedura;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat indikat fil-paragrafu precedenti datata l-15 t'Ottubru tas-sena 2007, u din, limitatament fil-konfront ta' l-assenti Guy Williams u Margaret Alder, fejn eccepixxa s-segwenti:

1. Illi Guy Williams u Margaret Alder ghandhom dritt li jircievu l-avviz bl-Ingliz;

2. Illi preliminarjament fil-konfront ta' Guy Williams u Margaret alder n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ai termini ta' l-artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament l-avviz huwa null billi m ajaghti ebda spjegazzjoni ghaliex l-intimati ghandhom

jirrifondu xi ammont ta’ flus u ebda spjegazzjoni ghaliex ghandu jigi dikjarat li l-konvenuti kkagunaw danni lill-attur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost Margaret Alder ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mil-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost Guy Williams u Margaret Alder it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tiehu ghaliex ma ghandhomx jirrifondu l-ebda ammont lill-attur u ma kkagunaw l-ebda danni;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Ikkunsidrat;

Illi f’dan l-istadju l-partijiet qabblu li jillimitaw il-vertenza prezenti fuq it-tieni eccezzjoni, senjatament fuq l-allegata nuqqas ta’ gurisdizzjoni fil-konfront tal-konvenuti Williams u Alder, u dan, ai termini ta’ l-artikolu 742 tal-kap 12;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament tiehu wkoll l-opportunita’ tissottolinea illi f’dan l-istadju, l-konvenuti l-ohra, (cioe eskluzi Williams u Alder), huma fi stat ta’ kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu li fuqu jistirihu l-konvenuti fuq indikati li ssollevaw din l-eccezzjoni partikolari jitratta l-effetti gurisdizzjonali naxxenti minn relazzjoni guridika li tinholoq dwar hwejjeg li jinsabu fit-territorju Malti, u dan, kemm rigwardanti mobbli kif ukoll immobbli;

Illi problema insita fil-procedura odjerna tirrigwarda l-fatt li ghalkemm l-attur nomine qieghed jallega xi nuqqasijiet da parti tal-konvenuti fir-rigward ta’ l-assistit tieghu, pero’ ma

ngiebet l-ebda prova li permezz taghha tista' tiskatta dik il-gurisdizzjoni kif rikjesta fil-ligi de quo;

Illi f'dan l-istadju ma jirrizulta li hemm l-ebda ness logiku, legali jew ta' tip iehor li jista' jissodisfa lil din il-qorti u jikkonfortha fl-azjoni li tista' tikkonduci;

Illi in effetti l-ebda prova ma ngiebet biex tissodisfa dan in-ness logiku necessarju rikjest;

Ghaldaqstant, tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-kuratur ad litem u tiddikjara li m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni ai termini ta' l-artikolu 742 tal-Kap 12 biex tipprosegwixxi b'din il-procedura, konsegwentement tiddikjara l-procediment ezawrit u tillibera lill-konvenuti Williams u Alder mill-oservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------